MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Numru 257/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Saliba**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni kontra John Saliba, bin Joseph u Maria Dolores nee Spiteri, imwieled Victoria, Ghawdex, fit-8 ta' Novembru 1972, detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 27372(G), talli (**1**) f'dawn il-Gzejjer, fis-7 ta' Mejju 1999, u fix-xhur ta' qabel, ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101, u (**2**) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *cannabis*, kollha jew parti minnha, f'cirkostanzi tali li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, bi ksur tal-Artikoli 8(c) u 22(2)(b)(i) tal-imsemmi Kap. 101;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-1 ta' Awissu 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi John Saliba (fuq ammissjoni tieghu registrata fl-udjenza tat-2 ta' April 2008) hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin skond l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, kif ukoll multa ta' hames mitt Euro (€500), pagabbli b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60) bl-ewwel pagament mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2008; l-imsemmi Saliba gie wkoll ikkundannat ihallas l-ispejjez peritali kollha involuti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe` tal-Perit Gwido Vella u tal-espert Mario Mifsud fl-ammont komplessiv ta' mija u ghaxar liri (Lm110) ekwivalenti ghal mitejn u sitta w hamsin Euro (€256), u dan fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' dik l-istess sentenza; fl-ahharnett dik il-qorti nnominat lill-analista Mario Mifsud sabiex jiddistruggi d-droga ezibita in atti u ordnat li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-"Direttur tal-Qorti Kriminali" u lill-Ispizjar Mario Mifsud;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu pprezentat fid-19 ta' Awissu 2008, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2008; rat in-noti prezentati minnhom – dik tal-appellat Saliba fl-24 ta' Novembru 2008 u dik tal-appellant Avukat Generali fl-10 ta' Dicembru 2008;

Ikkunsidrat:

**1.** L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu maghmul jikkonsisti filli, fi kliem l-istess rikors, *"…l-ewwel Qorti…kienet prekluza f'dan il-kaz li taghti sentenza sospiza in vista ta' dak dispost fl-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprojbixxi, fil-kaz ta' kultivazzjoni, li tinghata tali piena. Illi ghalhekk il-piena kellha tkun piena karcerarja effettiva."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**2.** Id-disposizzjoni nvokata mill-Avukat Generali tghid hekk:

**Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) jew fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2):**

**Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-*Probation*, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:**

**Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjoni tal-proviso li jigi minnufih qabel dan.**

**3.** L-abbili difensur ta' l-appellat, kemm fit-trattazzjoni tieghu fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2008 kif ukoll fin-nota tal-24 ta' Novembru 2008, issottometta li meta l-appellat, allura akkuzat, ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu, huwa kien qed jammetti ghal pussess hekk imsejjah "semplici" u mhux ukoll ghal pussess bil-kwalifika li kien taht tali cirkustanzi li juru li dak l-istess pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Din il-Qorti ma tistax takkolji din is-sottomissjoni. Il-verbal registrat a fol. 189 tal-process huwa car: *"L-imputat jirregistra ammissjoni u jitlob pre-sentencing report"*. Dan il-verbal kien disponibbli wkoll ghall-appellat, allura akkuzat, li seta', kieku ried, jigbed l-attenzjoni tal-ewwel qorti li l-ammissjoni tieghu ma kienitx giet registrata korrettement. Inoltre, kieku huwa verament ammetta biss ghal pussess "semplici", u dak li hemm registrat huwa b'xi mod skorrett, huwa kellu kull opportunita` li jappella mis-sentenza li ddikjaratu hati skond it-tieni imputazzjoni kif migjuba fic-citazzjoni.

**4.** L-appellat jissottometti wkoll, dejjem tramite l-abbili difensur tieghu Dott. Stephen Tonna Lowell, li l-appell ta' l-Avukat Generali hu *"limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti ghall-ewwel akkuza, u cioe` dik ta' koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis."* Din il-Qorti tifhem li dan qed jigi sottomess minhabba l-frazi (sottolineata hawn aktar 'l fuq meta gie riprodott l-aggravju ta' l-Avukat Generali) "fil-kaz ta' kultivazzjoni". Skond l-appellat, galadarba l-appell ta' l-Avukat Generali hu hekk limitat u arginat, isegwi li f'dan il-kaz tista' tigi evitata l-piena karcerarja mandatorja b'applikazzjoni ta' l-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 22. Skond l-appellat, mid-dicitura tal-ewwel *proviso*, il-legislatur ma riedx jillimita l-applikazzjoni taghha ghall-kazijiet ta' traffikar f'forma ta' "sharing", izda *"estendiha ghar-reati kollha msemmija fis-subartikolu 2(a)(i) jew 2(b)(i) [u] fost dawn ir-reati wiehed isib dak taht il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 8, u cioe` r-reat ta' koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis, kif ukoll koltivazzjoni ta' pepprin ta' l-oppju (papaver somniferum) u koltivazzjoni tal-pjanta tal-koka (Erythroxylum Coca)."*

**5.** Din il-Qorti, pero`, ma tistax tikkondividi l-hsieb ta' l-appellant. Ghalkemm huwa minnu li kemm is-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (a) tal-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 kif ukoll is-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (b) tal-istess subartikolu jirreferu ghall-Artikoli 4 (koltivazzjoni tal-*papaver somniferum* u tal-pjanta tal-koka) u 8(c) (koltivazzjoni tal-pjanta *cannabis*), il-kliem operattivi fl-ewwel *proviso* tas-subartikolu (9) huma: "…il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn…". Il-portata ta' dawn il-kliem, fil-kuntest tal-*proviso* kollu kemm hu, gew imfissra minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-5 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Russel Bugeja**, fejn inghad hekk:

"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem

"flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing"– jigifieri li dak li jkollu d-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."

**6.** Ghalhekk, ghalkemm l-ewwel parti tal-*proviso* in dizamina tirreferi b'mod generali ghal *"…xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu…"*, il-kliem li jigi wara necessarjament jillimita l-applikazzjoni ta' l-istess *proviso* ghar-reat ta' traffikar, ghax fil-koltivazzjoni *per se* ma jistax ikollok l-element ta' komunanza hekk imsejjah "sharing". Ghalhekk, anke kieku wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument, jghid li l-appell ta' l-Avukat Generali hu limitat ghall-piena moghtija ghall-koltivazzjoni tal-*cannabis*, din il-Qorti xorta wahda ghandha idejha marbuta – bhalma suppost li kellha l-ewwel qorti – b'mod li ma jistax jigi applikat l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghas-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija.

**7.** Huwa minnu, pero`, li f'dan il-kaz hemm l-elementi <u>kollha</u> ghal temperament fil-piena – u effettivament l-ewwel qorti applikat il-piena <u>fil-minimu taghha</u>. Dan qed jinghad mhux biss ghax (**i**) l-appellat irregistra ammissjoni (ghalkemm fi stadju inoltrat tal-proceduri), apparti li kien ammetta mal-pulizija li kien hu li kien ikkoltiva s-sitt xitliet li nstabu ghandu, izda wkoll (**ii**) ghax ir-reat jirrisali ghal Mejju tal-1999. L-appellat, hlief ghall-kundanna meritu ta' dan l-appell, ghandu fedina penali *sine macula*. Inoltre (**iii**) l-koltivazzjoni u l-pussess kienu jikkonsistu f'sitt xitliet zghar – li jekk wiehed jara r-ritratti a fol. 46 tal-atti jidhru

kwazi moribondi – u ammont, zghir ukoll, ta’ weraq (probabbilment imnittfa minn tlieta minn dawk ix-xitliet) ghall-piz totali (cioe` ta’ pjanti u weraq) ta’ 1.327 grammi! Ma’ dan ghandu jizdied (**iv**) ir-rapport tal-Ufficjal tal-*Probation* Trevor Calafato (ara fol. 192 *et seq.* tal-atti). Minn dan ir-rapport jirrizulta li dak li sehh f’Mejju tal-1999 kien dovut ghal sbandament temporanju fil-hajja ta’ l-appellat minhabba problemi familjari. In fatti dana l-Ufficjal tal-*Probation* irrakkomanda li jsir Ordni ta’ Servizz fil-Komunita` -- pero`, kif ga nghad, dan ma jistax isir ghax il-ligi, tenut kont tar-reati li taghhom gie dikjarat hati fuq ammissjoni, ma tippermettiehx.

**8.** Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn issospendiet il-piena ta’ prigunerija ghal tlett snin, b’mod ghalhekk li l-piena ta’ sitt xhur prigunerija ghandha tkun b’effett immedjat; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. L-ewwel hlas mensili tal-multa jkun dovut fl-ewwel jum tax-xahar wara li l-hati jkun skonta l-piena ta’ prigunerija, filwaqt li l-ispejjez peritali ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur mid-data li huwa jkun skonta l-imsemmija prigunerija. Finalment din il-Qorti tirrevoka n-nomina tal-Ispizjar Mario Mifsud biex jiddistruggi d-droga ezibita in atti – ghax dawn huma spejjez inutili – u tordna li l-istess droga tigi distrutta mir-Registratur tal-Qorti ta’ Ghawdex li ghandha tirredigi *proces-verbal* dwar il-process ta’ tali distruzzjoni, liema *proces-verbal* ghandu jigi inserit f’dawn l-atti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------